



Brussell, 21 ta' Settembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2016/0413(COD)

12231/18
ADD 1

CODEC 1481
UD 206
ECOFIN 828
CRIMORG 123
DROIPEN 131
EF 238
ENFOCUSM 186

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli fir-rigward tal-flus kontanti deħlin u ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 (**I-ewwel qari**)

- Adozzjoni tal-att leġislattiv
 - Dikjarazzjoni
-

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Skont l-Artikolu 53(1) tal-abbozz ta' DIRETTIVA (UE) 2018/... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta'... li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (AMLD 5), l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja jiskambjaw, minn jeddhom jew fuq talba, kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti għall-ipproċċassar jew għall-analiżi ta' informazzjoni mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja relatata mal-ħasil tal-flus jew mal-finanzjament tat-terroriżmu. Id-deċiżjoni dwar jekk l-informazzjoni hijiex rilevanti jew le biex tiġi skambjata tibqa' fidejn l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja, inkluż għal data li għandha tkun riċevuta skont ir-Regolament propost dwar kontrolli ta' flus kontanti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li, fid-dawl tal-prinċipi ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tar-Regolament propost ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tal-Ħames Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus li għad trid toħroġ, jew li joħolqu obbligu mandatorju għal skambju ta' informazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja għall-finijiet tar-Regolament propost.

Skont l-Artikolu 65(2) tal-abbozz ta' DIRETTIVA (UE) 2018/... TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta'... li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (AMLD 5), il-Kummissjoni trid tivvaluta l-qafas għall-kooperazzjoni tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja ma' pajjiżi terzi, kif ukoll l-ostakoli u l-opportunitajiet għat-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja fl-Unjoni, inkluż il-possibbiltà li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll jekk hemmx il-ħtieġa li l-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tiġi msaħħa aktar.
